## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 20 TA' SETTEMBRU, 2002**

**Avviz Numru 1119/01 AJD**
**W.J. Parnis England Limited bhala ageenti ta' Bulcon Navigation Maritime, Bulgare Varne**

**vs**

**Fruitland Company Limited**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Ottubru 2001 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' disa' mija, disgha u sebghin lira Maltin u sebgha u sebghin centezmu (Lm979.77) rapprezentanti valur ta' 'freight' u servizzi ancillari provduti fuq ordni tas-socjeta' konvenuta stess.
Bl-ispejjes,, inkluzi dawk tal-ittra nterpellatorja tat-18 ta' Settembru 2001 u bl-imghax legali mid-data tas-servizzi rezi sal-pagament effettiv.

Ra d-digriet tal-10 ta' Dicembru 2001 fejn gie ordnat l-isfilz tar-risposta tas-socjeta' konvenuta stante li l-istess risposta giet prezentata 'fuori termine'.

Ra l-verbal tas-seduta tal-10 ta' Dicembru 2001 fejn is-socjeta' konvenuta nfurmat lit-Tribunal li kienet qed tikkuntesta t-talbiet attrici.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fis-17 ta' Jannar 2002 fejn hija rriduciet it-talba taghha ghall-ammont ta' tmien mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm875.00).

Sema' x-xhieda ta' Joseph Bowman u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ikkunsidra:

Illi mill-provi rrizulta li fil-15 ta' Lulju 2000 is-socjeta' konvenuta talbet stima minghand is-socjeta' attrici in kwantu jirrigwarda 'freght charges" u servizzi ohra ancillari ghal merkanzija li xtaqet timporta minn Rotterdam ( a fol. 26). Fit-18 ta' Lulju 2000 is-socjeta' konvenuta rceviet l-istima mitluba ( dokument esibit a fol. 27) u hija accettat l-offerta kontenuta f'din l-istima. Is-"shipment' in kwistjoni wasal Malta fl-24 ta' Awissu 2000 u s-socjeta' attrici harget l-fattura relattiva ghal dan is-'shipment' ( a fol. 29) fl-ammont ta' Lm404.00. Is-socjeta' konvenuta hallset l-ammont mitlub f'din il-fattura izda fl-4 ta' Settembru 2000 is-socjeta' attrici baghtet fattura addizjonali in kwantu jirrigwarda dan is-'shipment' fl-ammont ta' Lm104.77, liema ammont ukoll thallas mis-socjeta' konvenuta. Fis-7 ta' Novembru 2000 is-socjeta' attrici regghet harget fattura addizzjonali ohra, dejjem in konnessjoni mal-istess shipment, fl-ammont ta' Lm437.50 ( a fol. 40). Fid-29 ta' Settembru 2000 is-socjeta' konvenuta kienet tat istruzzjonijiet rigwardanti 'shipment' iehor ta' merkanzija min Rotterdam, din id-darba minghajr ma ntalbet stima. Dan it-tieni 'shipment' wasal Malta fit-23 ta' Ottubru 2000 u fl-istess data nharget l-fattura relattiva ( esebita a fol. 35) fl-ammont ta' Lm464.10, u s-socjeta' kovenuta hallset l-ammmont mitlub f'din il-fattura. Fis-7 ta' Novembru 2000, izda, s-socjeta' attrici harget fattura addizzjonali (a fol. 41) fl-ammont ta' Lm437.50 in kwantu jirrigwarda dan it-tieni 'shipment'. Mix-xhieda ta' Joeph

Bowman, ir-rapprezentant tas-socjeta' attrici u mid-dokumenit a fol. 39, jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet hadet zball fil-kalkoli fis-sens li fl-istima tat-18 ta' Lulju 2000 u fil-fatturi mahrugin fl-24 ta' Awissu 2000 u fit-23 ta' Ottubru 2000 hija kienet erronjament ikkalkolat l-ammont dovut fuq bazi ta' 'empty units' u mhux bhala 'full load containes'. Fl-e-mail mibghuta mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta fis-7 ta' Novembru 2000 insibu s-**segwenti "This is to confirm that your two shipper owned reefer conts. B/L MAL 05, MAL 03 respectively were undercharged as invoiced. In fact these should have been invoied as full load contaners and not as empty units as per our quote dated 18/07/2000."**

Illi fil-fehma tat-Tribunal ir-relazzjonijiet kuntrattwali tal-partijiet in kwantu jirrigwarda iz-zewg 'shipments' hawn fuq imsemmija huma regolati mill-kontenut tal-istima rilaxxjata mis-socjeta' attrici fit-18 ta' Lulju 2000 u mill-fatturi mahruga fl-24 ta' Awissu 2000 u fit-23 ta' Ottubru 2000. F'dwn iz-zewg fatturi hemm ndikat li l-'containers' in kwistjoni kienu 'full load' u mhux 'empty units' anki jekk fl-istima ma nsibu xejn f'dan ir-rigward. Is-socjeta' attrici tikkontendi li s-socjeta' konvenuta kienet taf li l-prezz relatat ghal 'full load container' kien aktar mnn dak indikat fl-istima u fil-fatturi msemmija stante li s-socjeta' konvenuta kienet utilizzat is-servizzi tas-socjeta' attrici f'okkazjonijiet ohra fejn il-prezz mitlub kien ferm aktar. It-Tribunal ma jaqbilx ma din il-linja ta' argumentazzjoni stante li kif diga' specifikat aktar il-fuq, ir-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet in kwantu jirrigwarda z-zewg 'shipmentts' li jifformaw il-mertu tal-kawza odjerna huma regolati esklussivament mill-istima tat-18 ta' Lulu 2000 u mill-fatturi datati 24 ta' Awissu 2000 u 23 ta' Ottubru 2000 u s-socjeta' konvenuta adempiet mal-obbligi minnha assunti ai termini ta' dawn id-dokumenti fis-sens li hallset l-ammonti mitluba f'dawn iz-zewg fatturi , liema fatturi hargu skond l-offerta maghmula mis-socjeta' attrici fl-istima tat-18 ta' Lulju 2000 u liema offerta giet debitament accettata mis-socjeta' konvenuta. Jekk is-socjeta' attrici ghamlet zball, kif fil-fatt jirrizulta li ghamlet, ghandha tbaghtih hi u ma tistghax tipretendi li s-socjeta' konvenuta taghmel tajjeb ghal dan l-izball. Is-socjeta' konvenuta tista' taghmel dan biss buona volonta taghha u sabiex izzomm relazzjonijiet kummercjali tajba

mal-istess socjeta' attrici u mhux ghaliex ghandha xi obbligu li teffetwa l-pagamenti addizzjonali mitluba mis-socjeta' attrici.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici. L-ispejjes ta' dinl-istanza jithallsu mill-istess socjeta' attrici.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**